**KUNSILL LOKALI LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

## MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL

## SEDUTA NRU 22 – L-ERBGĦA 16 TA' FRAR 2011

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal-Lija fil-5.00p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Sur Jeremy Anthony Dalli | Kunsillier |
| | Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Marc Sant | Kunsillier |
| | Sur Alfred Buhagiar | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti nqraw u wara li kienu approvati gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Proposti mis-Sinjura Magda Magri Naudi, sekondant is-Sinjorina Lorraine Farrugia.

1.2 Lista ta' pagamenti annessa giet approvata fuq proposta tas-Sinjura Magda Magri Naudi sekondata mis-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 2. PERFORMACE BONUS SEGRETARJU EZEKUTTIV

**2.1** Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, il-Kunsill approva b'vot unanimu, il-*full performance bonus* lis-Segretarju Ezekuttiv, is-Sur Alfred Buhagiar, għas-sena 2010**.**

## 3. PERFORMANCE BONUS HADDIEMA KLERIKALI

**3.1** Fuq proposta tas-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, il-Kunsill approva b'vot unanimu, il-*full performance bonus* tal-ħaddiema klerikali fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill għas-sena 2010**.**

## 4. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP – TOROQ

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-ittra mingħand Polidano Bros. Ltd. bid-data tat-3 ta' Frar 2011 fejn dawn kienu qed jitolbu żieda fix-xogħolijiet li kienu għamlu u li qegħdin jagħmlu taħt il-progett Toroq imsemmi hawn fuq.

4.2 Huma kienu qed jinsistu li għar-raġuni li kien għola l-prezz tal-fjuwil u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu max-xogħol tagħhom, kienu qed jitolbu biex ikun hemm żieda fir-rati ta' €6 għal kull metru kwadru fuq ix-xogħlijiet li hemm fit-tender.

4.3 Il-Contract Manager tal-Kunsill, il-Perit John Rizzo Naudi, għamel risposta għal din l-ittra ta' Polidano Bros. Ltd. fejn ġie spjegat illi dan it-tibdil kien qed jintalab wara li kienu tlestew zewg toroq mit-tliet toroq li huma proposti biex isiru permezz ta' dan il-proġett. Dan kien ifisser xahrejn wara li tlestiet it-tieni triq li hija Vjal Trasfigurazzjoni.

4.4 Bid-dritt il-Kunsill mhux marbut li jbiddel ir-rati minn dawk li hemm fil-kuntratt tat-tender u għalhekk il-Kunsill mhux obbligat li jagħmel aktar ħlasijiet minbarra dawk dovuti li huma ċertifikati mill-Contract Manager, il-Perit John Rizzo Naudi.

4.5 Il-Kunsill kien qed jinsisti mal-Contract Manager biex dan jistabilixxi d-data mal-kuntrattur dwar meta ser tinbeda t-tielet triq, iġifiri Triq Annibale Preca.

4.6 Il-Kunsill qed jinsisti li x-xogħlijiet f'din it-Triq jitwettqu malajr kemm jista' jkun meta t-temp ikun jippermetti u għandu jkun hemm assigurazzjoni li l-ispiża ma taccedix l-istima u l-bagit allokat għal dan ix-xogħol mill-Kunsill kif spjegat fit-*tender documents*.

## 5. TRAFFIC MANAGEMENT

**5.1** Is-Sindku, Dr. Ian Castaldi Paris, tkellem dwar il-problema tat-traffiku perikoluż fit-toroq prinċipali ta' Hal Lija.

**5.2** Huwa fakkar lill-Kunsill dwar il-lagħqa li kienet inżammet *on site* mal-uffiċjali mil-ADT flimkien ma' rappreżentanti tal-Kunsill, sabiex dawn joħorġu bi proposti biex din il-problema tkun iffaċjata u riżolta.

**5.3** Is-Sindku qal li għalkemm kien hemm xi proposti min-naħa tal-ADT, dawn kienu minimi ħafna u ma kinux is-soluzzjoni biex tkun iffaċċjata l-problema tat-traffiku.

**5.4** Għal din ir-raġuni l-Kunsill ser ikompli jinsisti mal-awtoritajiet biex isir *impact assessment* ta' din il-problema bis-serjeta biex wara titieħed deċiżżjoni tal-azzjoni li trid tittieħed biex tissolva din il-problema.

## 6. BAĠIT 2011

**6.1** Il-Kunsill iddiskuta l-bagit għas-sena 2011 fejn ġie spjegat id-dħul u l-ħruġ li hemm previst għal din is-sena.

**6.2** Ġie nnutat li għalkemm kien hemm tnaqqis fl-allokazjoni għal din is-sena, kumparat mas-sena ta' qabel, il-Kunsill ser ikollu għad-dispozizizjoni tiegħu diversi fondi oħra.

**6.3** Il-UIF funds sal-aħħar ta' Diċembru 2010 leħaq is-somma ta' €35,000. Dan il-fond jista' jintuża biex isir *upgrading* fil-qalba tar-raħal fir-rigward ta' fanali ornamentali, bankini, u għamara tat-toroq.

**6.4** Il-Kunsill jista' wkoll japplika għal diversi fondi li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jalloka matul is-sena biex isiru attivitajiet bil-kollaborazzjoni bejn il-Kunsill u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kif ukoll programmi oħra mill-Unjoni Ewropea.

**6.5** Ġie nnutat ukoll li matul din is-sena jridu jinħarġu kuntratti ġodda fir-rigward tal-ġbir ta' skart domestiku, *household bulky refuse*, knis u latrini. Barra dawn hemm ukoll kuntratti oħra li jridu jerġgħu jinħarġu jew jiġġeddu skont il-ħtieġa.

**6.6** Dan it-tibdil kien ifisser aktar spjezzez fin-nefqa rikorrenti, filwaqt li n-nefqa kapitali ser tkun indirizzata aktar għall-proġett PPP-TOROQ.

## 7. LIBRERIJA PUBBLIKA

**7.1** Il-Viċi-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia attendew għal-laqgħa fl-iskola primarja ta' Hal Lija flimkien ma' rappreżentati oħra mill-Kunsill ta' Hal Balzan u mill-Kunsill tal-Iklin.

**7.2** Il-Kap tal-iskola, is-Sinjura Farrugia, infurmat lil dawk preżenti dwar tibdiliet li kienu qed isiru f'din l-iskola. Fost dawn hija semmiet il-ħtiega li l-kamra tal-librerija pubblika li hija devoluta lill-Kunsill Lokali ta' Hal Lija tkun mibdula ma' kamra oħra fl-istess skola.

**7.3** Għal din ir-raġuni kien jinħtieġ li jinstab post alternattiv għal din il-librerija biex tkompli tiffunzjona waqt xogħlijiet li kienu qed isiru fl-iskola.

**7.4** Il-Viċi-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, infurmat lill-Kunsill li hija kienet ħadet l-inizjattiva biex tkellmet ma min jieħu ħsieb il-Universty Residence f'Ħal Lija biex dawn joffru l-ispazju neċessarju biex din il-librerija tibqa' tiffunzjona sakemm isiru x-xogħlijiet meħtiega fl-iskola primarja. Risposta dwar dan is-suġġeriment tingħata aktar 'il quddiem.

**7.5** Is-Sinjorina Lorraine Farrugia, infurmat lill-Kunsill li waqt din il-laqgħa hija ġibdet l-attenzjoni lill-Kap tal-iskola biex qabel jinħatar il-President tal-Kunsill Skolastiku, il-Kunsill ta' Ħal Lija jkun infurmat bil-quddiem sabiex jagħmel il-proposta tiegħu dwar il-persuna li għandha tokkupa din il-kariga. Dan kien qed isir għar-raġuni li sa issa l-President ta' dan il-Kunsill Skolastiku dejjem kien mill-Lokalitajiet l-oħra.

## 8. SIGURTÀ ĠONNA PUBBLICI

**8.1** Il-Bord tal-Istandards tal-Awtorità Maltija dwar l-Istandards (MSA) aċċetta formalment li l-Istandard dwar l-Immaniġġjar u s-Sigurtà' fil-Playing Fields għadda mill-fażijiet kollha. Wara l-perjodu ta' konsultazzjoni li għalaq f'Novembru, ġew analiżżati l-kummenti u l-proposti kollha tal-pubbliku. Bhala rizultat ta' dan l-izvilupp tfassal ftehim bejn l-MSA u d-Dipertiment tal-Gvern Lokali biex immedjatment jibdew isiru spezzjonijiet fuq bazi regolari biex tkun assigurata s-sigurtà tal-*playgrounds* li jaqgħu taħt ir-responsabilita' tal-Kunsilli Lokali.

**8.2** Il-Vici-Sindku, is-Sinjura Magda Magri Naudi, flimkien mas-Sinjorina Lorraine Farrugia għandhom jieħdu ħsieb jattendu laqgħat dwar dan il-ftehim bħala raprezzentanti tal-Kunsill biex flimkien mal-Uffiċċju tal-Kunsill jikkoordinaw biex

iżommu ż-żewġ *playing fields* fir-raħal skont *standards* meħtieġa f'dak li għandu x'jaqsam ma' sigurta għat-tfal li jagħmlu użu minn dawn il-postijiet.

## 9. IMPJIEG TA' SKRIVANA

**9.1** Is-Sindku, Dr Ian Castaldi Paris, għamel proposta li ġiet approvata unanimament mill-Kunsill sabiex is-Sinjorina Jeanette Buhagiar B.A. (Hons.) li kienet ġiet impjegata mal-Kunsill sa' minn Ġunju 2009 skond proċeduri stabilitti u bl-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali tkompli tagħti s-servizzi tagħha lill-Kunsill bħala *full-timer*.

**9.2** Is-Segretarju Eżżekuttiv, għandu jieħu ħsieb jinforma lid-Direttur tad-Dipartiment Kunsilli Lokali b'din id-deċiżjoni.

## 12. LAQGĦA

12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 23 ta' Marzu 2011 fil-5.00p.m..

| | |
|---|---|
| Dr Ian Castaldi Paris | Sur Alffred Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |